IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 02**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar l-Erbgħa 6 ta' Awwissu 2014 fil-5.30 pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| | |
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Peress illi ċ-Ċerpersin kien għadu ma wasalx, ippresediet il-laqgħa l-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B01**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B01 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B01

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B01**

2.01 Ma kien hemm l-ebda punt maħruġa mill-minuti. — Punti li joħorġu mill-minuti

**2.01.1 Il-Viċi Ċerpersin Renate Guillaumier ipproponiet li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskuss issa *item* nru 4 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjaru għall-ewwel sitt xhur tas-sena. Il-Kumitat qabel.**

KUNSILL LOKALI IR-RABAT

8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**4.00 Diskussjoni dwar il-finanzi**

4.01 L-*accountant* tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. — Diskussjoni dwar il-finanzi

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-membri preżenti li l-Kunsill kien embarka fuq inizjattiva ġdida fejn tidħol il-manutenzjoni tat-toroq, billi xtara l-materjal u l-manutenzjoni saret mill-*handyman* tal-Kunsill. Hija qalet li billi saru diversi xogħliiet sakemm inħatar il-Kumitat il-ġdid, l-ispiża ta' dawn ix-xogħliiet ħarġet mill-allokazzjoni tal-Kunsill u mhux mill-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv. Fir-rigward tas-servizz tal-*bulky refuse*, hija qalet li huwa diffiċli li wieħed jikkwantifikah il-ġbir li jsir miż-żona tal-Virtù u għaldaqstant f'dan il-każ ukoll l-ispiża kollha ta' dan is-servizz qiegħda toħroġ mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

4.03 **Il-Kumitat qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda**

**3.00 Kommunikazzjoni mill-membri**

3.01 Is-Sur Christopher Farrugia saħaq dwar l-importanza li titkompla l-parti tal-bankina li tinsab fi Triq Virtù Rd k/m Triq Francesco Azopardi peress illi kif inhi qed tagħti dehra kerha liż-żona. Huwa ppropona li ssir talba lill-Kunsill sabiex ikompli din il-parti tal-bankina peress li tagħmel parti mal-konfini tal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Issekondat din il-proposta s-Sna Audrey Sant. Il-Kumitat qabel. — Bankina fi Triq Virtù Rd k/m Triq Francesco Azopardi

Is-Sindku talab li ssir stima għal dan ix-xogħol mingħand il-perit tal-Kunsill sabiex imbagħad l-istima tittella' għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

3.02 Is-Sur Christopher Farrugia ġibed l-attenzjoni dwar każ ta' irregolarità fuq proprjetà fi Triq il-Buskett. Din il-proprjetà iddawrilha ċint magħha u ma tħalliex aċċess fuq il-bankina. Għaldaqstant huwa talab li ngħaddu dan ir-rapport lill-Mepa. Issekondat din il-proposta s-Sna Audrey Sant. Il-Kumitat qabel. — Ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi Triq il-Buskett

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Farrugia sabiex iforni l-indirizz sħiħ tal-proprjetà msemmija sabiex ikun jista' jsir ir-rapport lill-Mepa.

3.03 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li l-*bus stop* li kien hemm fi Triq Godwin Ganado k/m Triq Ġużeppi Caruana tneħħa mingħajr ma ġejna kkonsultati. Huwa għandu informazzjoni li r-rotta ta' Tal-Virtù mhux ser tibqa' attiva. Għaldaqstant ippropona li ssir *intra locality bus*. B'hekk innaqqsu t-traffiku mir-Rabat ukoll. — Tneħħija ta' *bus stop* minn Triq Godwin Ganado

** **Iċ-Ċerpersin Sam Abela daħal għal-laqgħa fis-6.05 ta' fil-ghaxija. Għaldaqstant, il-kumplament tal-laqgħa ġiet ippreseduta minnhu.**

3.03.1 Is-Sur Sam Abela ppropona li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni bejn l-Kumitat Amministrattiv u l-*Malta Public Transport*. Huwa ppropona li nitolbuhom javżawna kif inhuma l-arranġamenti mal-iskola tas-seminarju. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel. — Talba għal laqgħa ta' konsultazzjoni mal-*Malta Public Transport*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-trasport tal-iskola tas-seminarju ma

jaqax taħt il-*Malta Public Transport* iżda huwa servizz privat.

3.04 Is-Sur Christopher Farrugia qal li qed ikun hemm il-ħmieġ madwar il-*bring-in-sites* ta' Triq Godwin Ganado. Huwa ssuġġerixxa li dawn il-*bring-in-sites* jitpoġġew taħt 'shed' sabiex ma jibqgħux jagħtu fil-għajn. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li jekk jitpoġġew taħt 'shed' ser tinħoloq problema għaliex il-kuntrattur mhux ser ikun jista' ibattalhom faċilment. *Bring-in-site* fi Triq Godwin Ganado u fi Triq tal-Virtù

Iċ-Ċerpersin ġibed l-attenzjoni li l-*bring-in-sites* li kien hemm fi Triq tal-Virtù m'għadhomx hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ftit tax-xhur ilu l-Kunsill daħal fi ftehim ġdid mal-Kumpanija *Greenmt,* u parti minn dan il-ftehim kien li jitneħħew numru ta' *bring-in-sites* minn madwar ir-Rabat. Hija qalet ser tivverifika jekk dawn tneħħewx wara li ġie ffirmat il-kuntratt il-ġdid.

3.06 Is-Sur Christopher Farrugia qajjem il-kwistjoni tas-siġar li hemm miżrugħin fil-bankina fi Triq Ġużeppi Caruana. Ġie deċiż li ċ-Ċerpersin ikellem personalment lil min żeragħhom dawn is-siġar u dan l-*item* jerġa' jitla' għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss. Siġar miżrugħin fil-bankina ta' Triq Ġużeppi Caruana

3.07 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li tintbagħat ittra lir-residenti kollha sabiex kull min għandu s-siġar li qed joħorġu 'l barra għal fuq il-bankina, jieħu ħsieb illi jiżborhom. Issekondat din il-proposta s-Sna Louise Agius. Il-Kumitat qabel. Ittra lir-residenti biex jiżbru s-siġar li qed joħorġu għal fuq il-bankini

3.08 Is-Sra Renate Guillaumier talbet li jsir *refresh tad-double yellow lines* fil-kantunieri. Ġie deċiż li s-Sra Guillaumier tidentifika dawk it-toroq li l-aktar li hemm bżonn illi jsirilhom *refresh*. Talba għal *refresh* ta' *double yellow lines* fil-kantunieri

3.09 Is-Sna Audrey Sant staqsiet għalfejn sar *refresh* ta' *double yellow line* fi Triq Carlo Fiamingo u l-Kumitat Amministrattiv ma kienux infurmati b'dan ix-xogħol. *Refresh* ta' *double yellow line* fi Triq Carlo Fiamingo

Is-Sindku Charles Azzopardi wieġeb li kienet saritlu talba biex isir dan ir-*refresh* u għaldaqstant huwa kien ta ordni lill-*handyman* tal-Kunsill sabiex jagħmel dan ir-*refresh.*

Is-Sna Audrey Sant staqsiet min kien ser iħallas għal dan ix-xogħol minħabba li tali xogħol ma kien awtorizzat mill-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù.

Is-Sindku wieġeb li x-xogħol kien ser jitħallas mill-Kunsill.

3.10 Is-Sna Audrey Sant ipproponiet li qabel ma jsir kull tip ta' xogħol f'Tal-Virtù, il-Kunsill għandu l-ewwel jinforma liċ-Ċerpersin Sam Abela. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel. Xogħol f'tal-Virtù

3.11 Iċ-Ċerpersin ppropona li s-*soft areas* f'tal-Virtù jiġu mnaddfa u jinżergħu l-fjuri fihom. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ser tiġbed l-attenzjoni tal-*contracts manager* sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur li jieħu ħsieb is-*soft areas.* Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel. Tindif u tisbiħ tas-*soft areas*

3.12 Iċ-Ċerpersin talab li t-tabelli li jindikaw 'Merħba f'Tal-Virtù' li jinsabu fi Triq il-Buskett u fi Triq Francesco Azopardi k/m Triq tal-Virtù jinbidlu peress li ċċaraw ħafna. Huwa ppropona li ma' dawn it-tabelli nżidu l-mappa tal-konfini ta' tal-Virtù flimkien mal-indirizz elettroniku tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta s-Sur Bdil tat-tabelli 'Merħba f'tal-Virtù'

Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dawn it-tip ta' tabelli kienu ġew sponsorjati mill-Bank HSBC għal-lokalità tar-Rabat. Hija ssuġġeriet li l-Kumitat Amministrattiv jagħmel talba lill-Bank HSBC sabiex jisponsorja it-tabelli l-ġodda. Il-Kumitat qabel li issir talba.

3.13 Iċ-Ċerpersin ssuġġerixxa li jintbagħat kwestjonarju lir-residenti sabiex il-Kumitat iżomm kuntatt magħhom. Kwestjonarju

3.14 Iċ-Ċerpersin ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Onor. Ian Borg sabiex jiġi diskuss kif bħala Kumitat Amministrattiv nistgħu napplikaw għall-fondi tal-Unjoni Ewropea. Laqgħa mal-Onor. Ian Borg

Is-Sindku Charles Azzopardi offra illi jagħmel appuntament mal-Onor. Borg u jiltaqgħu miegħu hu flimkien maċ-Ċerpersin Sam Abela.

## 5.00 Materji Oħra

5.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1262/14,** is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa b'ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitolbu l-imejl *addresses* ta' kull membru tal-Kumitat Amministrattiv. Hija infurmat lill-membri li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qiegħed jagħtihom l-għażla li min irid jista' juża l-*imejl address* tiegħu personali, jew inkella jkollhom wieħed tal-gvern. Sabiex il-Kumitat inaqqas mill-ispejjeż li diġà għandu ġie deċiż li kulħadd juża l-imejl *address* personali tiegħu. Imejl *addresses* tal-membri

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li rċeviet talba sabiex jinqata' l-qasab minn trejqa li tagħti għal Wied l-Isqof. L-istima miġbura għal dan ix-xogħol tammonta għal €1,150. Qtugħ ta' qasab minn Trejqa li tagħti għal Wied l-Isqof

Iċ-Ċerpersin ssuġġerixxa li dan il-qasab jinqata' iżda bla ebda obbligazzjoni li dan ix-xogħol isir kull darba u dan peress illi l-finanzi ma' jippermettux. Ġie deċiż li tiġi vverifikata l-urġenza għal dan ix-xogħol qabel ma jiġi approvat.

## 6.00 Data tas-seduta li jmiss

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Settembru 2014 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa ... 3 ... ta' Settembru 2014

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**